MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2011

Numru. 189/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Victor Vella bin Emanuel u Eucharistica nee' Scerri, imwieled fit-22 ta' Dicembru, 1964 u residenti Small Boy Garage, Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 1265(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Victor Vella li gie akkuzat talli:

1. minkejja li hu ordnat b'digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Sezzjoni Familja tal-10 ta' Ottubru 2007 hekk

kif ikkonfermat bid-digrieti sussegwenti tas-6 ta' Frar 2008 u dak tas-27 ta' Lulju 2009 u tal- 4 ta' Dicembru 2009 naqas li jaghti lil martu Sonia Vella I.D. 15169(G) il-flus tal-manteniment dovuti minnu fl-ammont ta' tlett mija u disgha u erbghin centezmu (€349.40) fix-xahar u liema ammont huwa dovut ghax-xahar ta' Frar 2011.

2. u aktar talli sar recidiv b'zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Frar 2010.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi dwar il-fatti ta' dana l-kaz ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet billi l-vertenza ta' bejniethom tistrieh interament fuq punt ta' dritt u cioe' dwar l-obbligu tal-imputat li jkompli jhallas manteniment lil martu u dana wara illi l-kawza pendenti bejniethom quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), giet deciza fil-11 ta' Frar 2011, izda liema sentenza giet appellata in parte mill-imputat.

Illi fil-mori tal-kawza l-imputat kien obbligat ihallas il-manteniment lil martu fl-ammont ta' €349.40 fix-xahar u dana skond diversi digrieti moghtija mill-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja, kollha indikati fl-akkuza.

Jidher illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti fil-prim'istanza l-imputat gie illiberat mill-obbligu li jhallas il-manteniment lil martu. Minn dana l-kap tas-sentenza ma giex intavolat appell mill-ebda wiehed mill-partijiet. L-imputat ghalhekk jargumenta illi f'dana r-rigward ghalhekk is-sentenza tal-ewwel Qorti ghaddiet in gudikat u kwindi l-obbligu tieghu tal-manteniment fil-konfront ta' martu issa spicca. Il-kwerelanta madanakollu kienet ta' fehma ohra. Hija dehrilha illi gialadarba l-imputat appella mis-sentenza tal-ewwel Qorti kwindi dina s-sentenza ma ghaddietx in gudikat fl-intier taghha u mhux biss ghar-rigward tal-kapi appellati, u ghalhekk l-imputat ghadu obbligat ihallasha l-

manteniment skond id-digriet *pendente lite* moghti mill-Qorti tal-prim'istanza.

Ikkunsidrat:

Illi fl-artikolu 25 tal-Kodici Civili li jirregola l-obbligu tal-manteniment jinghad is-segwenti:

"Meta jkun hemm talba għall-manteniment, il-qorti tista', **waqt li tkun għadha miexja l-kawża**, tikkundanna lill-konvenut biex jagħti lill-attur il-manteniment provviżorju f'somma li tkun biżżejjed għall-ħwejjeġ l-aktar meħtieġa għall-ħajja, iżda dan kemm-il darba l-konvenut ikun biċ-ċar wieħed minn dawk illi, jekk ikollhom minn fejn, huma mil-liġi fid-dmir li jagħtu l-manteniment lill-attur."

Imbaghad l-artikolu 37 ikompi ighid f'dana ir-rigward:

"Il-kawżi kollha għal separazzjoni personali għandhom jinġiebu quddiem is-sezzjoni xierqa tal-Qorti Ċivili kif jiġi stabbilit b'regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja:

Iżda qabel jinbdew il-proċedimenti, tista' ssir talba sabiex jiġi stabbilit l-ammont tas-somma għall-manteniment **fil-waqt li l-proċedimenti jkunu pendenti** u għall-għoti ta' digriet li jordna l-ħlas ta' dik is-somma jew talba lill-qorti biex b'digriet tistabbilixxi liema waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, jekk ikun il-każ, għandha matul il-proċedimenti tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali."

Illi mill-qari ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi ma hemmx l-icken dubbju illi d-digrieti li jinghataw quddiem il-Qorti fil-kawzi tal-firda personali huma kollha ordnijiet *pendente lite* u cioe' ordnijiet li jirregolaw kwistjonijiet dwar manteniment, kura u kustodja tat-tfal fost ohrajn u dana filwaqt li tkun ghadha miexja l-kawza tas-separazzjoni. Allura hekk kif tigi deciza dina l-kawza dawna l-ordnijiet minnufih ma jibqax ikollhom effett u hija s-sentenza biss illi tirregola dawn il-kwistjonijiet pendenti bejn il-partijiet. Fil-fatt l-artikolu 256 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u l-Procedura Civili jisddisponi illi :

“Kull sentenza oħra definittiva illi ma jkunx fiha kondizzjonijiet sospensivi, u li tkun tikkundanna lid-debitur għal ħlas ta’ somma likwida, jew biex jagħti jew jitlaq ħaġa ċerta, jew biex jesegwixxi fatt jew obbligu partikolari, hija esegwibbli wara  jumejn minn dak in-nhar li tingħata.”

Illi l-appell iwaqqaf l-esekuzzjoni tas-sentenza liema esekuzzjoni tista’ xortawahda tintalab f’certi kazijiet specifici. (ara artikolu 266 tal-Kapitolu 12)

Illi di piu’ f’dana l-kaz jidher mid-dokumenti esebiti fl-atti (kif del resto jaqblu l-partijiet ukoll bejniethom) illi ma sarx appell mill-kap tas-sentenza li jirregola l-manteniment. Kwindi dina l-parti tas-sentenza certament ghaddiet in gudikat peress illi l-ebda pronunzjament mill-Qorti tal-Appell, kemm favur kif ukoll kontra l-imputat, ma hija ser tbiddel dina d-decizjoni. Fuq kollox il-funzjoni tal-Qorti tal-Appell hija wahda ta’ revizjoni. Izda fuq il-kwistjoni tal-manteniment ma hux ser ikun hemm l-ebda revizjoni billi ma intalbitx mill-ebda wiehed mill-partijiet. Ghaldaqstant din il-parti tas-sentenza ghaddiet in gudikat u kwindi l-kwerelanta ma tistax issa tippretendi illi zewgha jibqa’ jhallas manteniment li fl-ahhar mill-ahhar ma hux dovut in vista ta’ dana l-kap tas-sentenza moghtija li jitkellem dwar il-manteniment u li mhux appellat.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------